23 ta' Ġunju, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*,
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Joseph Giorgio ne. *versus* Caterina Giorgio (*)

**Separazzjoni Personali — Adulterju — Inġurji Gravi — Minaċċi — Appell — Nullità — Okkju tal-Kawża — Korrezzjoni ta' l-Atti Ġudizzjarji — Assunzjoni ta' l-Atti— Art. 47 tal-Kodiċi Ċivili, u art. 174 u 175 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta l-azzjoni tas-Separazzjoni Personali ma tkunx bażata fuq l-adulterju, għall-azzjoni fuq dik il-kawżali hija ta' ostakolu l-liġi, anki jekk l-istess kawżali tista' tingibed jew titnissel minn provi induttivi u indiretti.*

*Però jibqa' dejjem l-obligu tal-Qorti li tara jekk, anki fl-assenza tal-prova ta' l-adulterju, l-intimità tal-mara miżżewġa ma' persuna diversa mir-raġel, u li ma tammontax għal adulterju, taqax taħt xi waħda mill-kawżalijiet indikati mill-liġi bħala motivi tas-separazzjoni personali.*

*L-amoreġġjamenti tal-mara li ma jammontawx għal adulterju, meta jsiru mingħajr ma jaf ir-raġel u kontra d-dirjet tiegħu, jammontaw għal inġurja gravi li tiġġustifika t-talba għas-separazzjoni.*

*Il-minaċċi wkoll, meta huma ripetuti, jammontaw għal kawża ta' separazzjoni.*

*Huwa kostantement ritenut illi l-okkju tal-kawża ma jitbiddelx, u jibqa' l-istess sat-tmiem tagħha; u ebda liġi ma tiddisponi illi fl-okkju għandha ssir xi aġġunta meta xi ħadd jassumi l-atti minflok xi waħda mill-partijiet. Fil-prattika din l-aġġunta ssir, imma n-nuqqas tagħha ma jġibx għan-nullità ta' l-atti ġudizzjarji; u l-Qorti tista' dejjem, sas-sentenza, tordna jew tippermetti l-korrezzjoni ta' atti ġudizzjarji, anki fin-nota jew fil-petizzjoni ta' l-appell.*

*Għalkekk mhux null l-appell fuq il-motiv li n-nota u l-petizzjoni saru mhux kontra l-persuna li assumiet l-atti minflok il-parti assenti, imma saru kontra l-parti nnifisha. F' fil-każ saret il-korrezzjoni meħtieġa u n-nuqqas ġie sanat aċċolja t-termini ta' l-appell kienu ġà spiċċaw.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, fejn l-attur, wara li qal li l-konvenuta rrendiet ruħha ħatja lejh ta' eċċessi, sevizi, minaċċi u inġurji gravi, talab li tiġi pronunzjata bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali, u jiġi dikjarat u deċiż li hemm lok kontra tagħha għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni kontenuti fl-artikoli 56 u 57 tal-Kodiċi Ċivili; salv kwalunkwe dritt ieħor. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, komprizi dawk tar-rikorsi tal-14 ta' Mejju 1946 u l-ieħor ta' l-ewwel ta' l-istess xahar preżentati quddiem is-Sekond'Awla ta' din l-Onorabbli Qorti, u bl-inġunzjoni lill-konvenuta biex tidher ħalli tissubixxi;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-8 ta' Novembru 1946, li biha ġiet milqugħa t-talba bl-ispejjeż kontra l-konvenuta; wara li kkunsidrat;

Li mill-provi rriżulta li l-kontendenti ilhom fuq is-sittax-il sena miżżewġin, u li żżewġu l-Italja. Il-konvenuta hija Taljana u l-attur Malti, u jappartjenu skond ma jidher lil bassa borgeżija. Wara li għammru żmien l-Italja.................. ġew joqgħodu Malta.................. Jista' jingħad illi sakemm bdiet din l-aħħar gwerra ma kien hemm bejn il-kontendenti ebda

(*) Deċiża bil-meritu Appell Ċivili 14. 11. 47.

differenzi li minhabba fihom wiehed jew l-ohra hassu l-bżonn li jirrikorru għal dawn il-Qrati sabiex jisseparaw "a thoro et mensa"................ Fis-16 ta' Mejju 1940 l-attur, bħala inġinier impjegat tal-vapur ta' l-E.T.C., kellu jsiefer, u tant kienet il-fiduċja f'martu li ħallielha prokura ġenerali. Dam imsiefer........... sas-16 ta' April 1946. F'dana l-perijodu dejjem bagħat lil martu flus kull xahar, apparti minn xi somom oħra............. Proprju dak in-nhar li ġie minn barra wara assenza hekk twila, u wara li kien irċieva pre-avviż b'ittra minn martu, din l-aħbar imsemmija ma riedetx toqgħod aktar miegħu u ħallietu. Ir-raġunijiet allegati kienu illi l-attur fl-assenza twila ma kienx kitbilha kemm għandu jikteb raġel affettwuż; illi hija ma kienetx tista' għall-familja tiegħu; u skond ma qal l-attur, u f'dan il-pont ma ġiex merut mill-konvenuta, illi hija qalet li kienet marida, u kwindi ma setgħetx toqgħod fiż-żwieġ................ Ir-ripetuti tentativi ta' l-attur sabiex jagħmel paċi magħha.......... kienu infruttiferi.........;

Fl-assenza ta' l-attur minn dawn il-Gżejjer u meta bdew neżlin il-bombi, il-familja ta' l-attur marret toqgħod, bil-kunsens tagħha, mal-konvenuta; ............... kellhom wara ftit xi jgħidu u spiċċaw biex isseparaw ruħhom. Fl-istess epoka l-konvenuta daħħlet nies barranin f'darha, u dawn in-nies, meta ġiet biex tagħmel xelter fil-blat, daħħluha in relazzjoni ma' ċertu Samuel Bray............. milli jidher sar midħla tagħha, għamel xi negozji magħha, ħaffer parti mix-xelter. ..........;

Illi l-azzjoni ta' l-attur ma hix bażata fuq il-kawżali ta' l-adulterju tal-konvenuta, u kwindi għall-azzjoni fuq dik il-kawżali hija ta' ostakolu l-liġi, anki jekk qatt dik l-istess kawżali tista' tinġibed jew titnissel minn provi induttivi indiretti, peress li l-provi diretti "in subjecta materia" ma humiex dejjem faċili u possibili, apparti n-negazzjoni tal-konvenuta u ta' l-offensur desinjat mill-attur. Jibqa' però l-obligu ta' dina l-Qorti tara jekk anki fl-assenza tal-prova ta' l-adulterju, l-intimità tal-mara miżżewġa ma' persuna diversa mir-raġel tagħha, u li ma tammontax fil-fatt għal adulterju, taqgħax taħt xi waħda mill-kawżalijiet indikati fl-art. 47 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta. Huwa minnu li ġie deċiż (ara

Vol. XXV, P. II, pag. 396, Prim'Awla 25 ta' Ġunju 1923, "Valenzia vs. Valenzia") illi amoreġġjamenti ta' mara miżżewġa li ma jammontawx għal adulterju ma jistgħux jidħlu taħt l-ebda mill-kawżalijiet indikati fl-art. 47, u lanqas taħt l-inġurji gravi hemm speċifikati; imma dina l-Qorti, bir-rispett kollu lejn dak il-ġudikat, tħoss li ma tistax taqbel miegħu, għar-raġuni illi b'hekk jiġu kanonizzati ċerti affarijiet, rapporti, immoralitajiet antilegali, li jiddisturbaw il-paċi tal-familji impunement; jekk l-att jimporta skandlu publiku, isir "palam" b'ċerta notorjetà, anki jekk "per sè" ma jkunx effettivament delittwuż, jew isir b'ċerta notorjetà u min huwa interessat jopponi ruħu għalih, ir-reiterazzjoni tiegħu hija "inġurja gravi";

Del resto, hekk ġie deċiż minn dawn l-istess Qrati f'każ analogu (ara Volum III, pag. 461, Appell 8 ta' Diċembru 1865, "L.P. vs. M.P. mart L.P."), fejn intqal illi "l'introdurre e trattenere nella casa coniugale una persona di sesso diverso all'insaputa e non ostante il divieto del marito, e sotto circostanze le quali fanno ragionevolmente sospettare che la medesima abbia disprezzato i debiti riguardi verso la fede coniugale, e che senza alcun dubbio la detta convenuta col suo procedere abbia commesso una grave ingiuria al detto marito e quindi ha cagionato un giusto e grave dolore all'animo del medesimo in modo da turbare notabilmente la pace domestica e da rendere improbabile la speranza di una sincera riconciliazione e la pacifica continuazione della loro coabitazione";

Illi fil-każ in diżamina però jingħad illi meta bdiet il-ħbiberija tal-konvenuta ma'.............., l-attur ma kienx Malta, u kwindi ma setax jopponi ruħu għal dik il-ħbiberija...........; imma meta l-attur ġie Malta u qabel ma bdiet il-kawża, tant il-konvenuta kemm l-istess Brav qalu lill-attur biex ma jemminx dak li jgħidulu.......... ..;

Irriżulta wkoll illi kif wasal minn barra qaltlu li kienet marida, li riedet is-separazzjoni, illi ż-żwieġ kien spiċċa għaliha, presumibilment għal xi ripunjanza li kienet tħoss għalih, għaliex il-marda ma semmiethiex fix-xhieda tagħha, u lanqas ġiebet provi biex tikkorrobora dak li kienet qalet lill-attur......;

Il-minaċċja li toqtol lil żewġha,.............. jikkostitwixxu

ċertament theddid, il-għaliex hija rripetiethom ma' diversi u ġie *mument* li mit-theddid kienet ġejja għall-fatti;

*Fl-aħħarnett il-fatt li kienet tgħajru li ommu m'għandha (fil*-fatt milli jidher kienet marida b'rasha) *għalkemm* hija mejta, li hija qalet man-nies li tant *tobgħodu*, li lanqas ma trid iġġib ismu, li qalet li l-attur kellu tifla, presumibilment illeġittima *l-għaliex* miż-żwieġ tal-kontendenti ma kienx *hemm tfal*, *li kienet tgħajru bil-familja tiegħu*, li *nfamat lill-missieru*, raġel ta' 75 sena, u lill-attur ma' oħtu—dak li l-attur jinnega—flim-kien ma' l-ostinazzjoni *tagħha*, huma kollha ngurji gravi; u peress li *kienu* abitwali u ripetuti, huma raġuni valida għas-separazzjoni. Huwa minnu illi *l-ingurji* li ssemmew, *barra mill*-ostinatezza li toqgħod barra mid-dar, *huma biss ingurji* verbali; imma l-aħħar waħda *hija ngurja* reali tali li ssaħħaħ l-ingurji verbali, u tikkostitwixxi waħedha kawża għas-separazzjoni (ara *Pacifici*-Mazzoni, Istituzioni Vol. VII, paġ. 208, para. 149, *Parte Speciale, Ediz. Cammelli, Firenze 1894*);

Illi mhux minnu, kif jidher mill-provi, illi l-konvenuta telqet mid-dar l-għaliex *żewġha*, l-attur, kien iżommu mus taħt l-imħadda........... Lanqas qatt ma qaliha li ried jużah għalik*ha*. kif il-lum trid li dina l-Qorti taħseb sabiex tiġġustifika *l*-ħruġ tagħha *mid-dar*. Il-fatt li *r-raġel iżommu xi armi d-dar per* sè ma jikkostitwix ebda theddid għall-mara tiegħu (ara Volum VII, paġ. 876, P.A. 12 ta' Novembru 1879, "Grima vs Grima")..............;

Illi l-konvenuta lmentat li l-attur, meta kien barra, ma kienx jiktbilha dan l-aħħar ta' spiss *ittri*. *Dana l-fatt jista' jik*-kostitwixxi nuqqas, il-għaliex *il-familja* "non de solo pane vivit"; imma l-attur *innegah*, u mill-korrispondenza eżibita u mill-flus li bagħat regolarment kull xahar wera illi huwa kellu fil-ħsieb *tiegħu* l-familja; u dana apparti ċ-ċirkustanzi *anormali* tal-gwerra;

Illi lment ieħor kien li l-attur ħalliha waħedha għal dak iż-żmien kollu; *però* dina l-kwerela ma tantx hija bażata.....;

Illi l-konvenuta qalet li l-attur kien igħidilha li jmur għand in-nisa tal-mestjer meta *kien* barra—dak li *l-attur* jinnega..... Imma fl-ipotesi li kien minnu, jingħad *li mhux* l-inkontinenzi

kollha riprovati mill-morali, u li ma humiex kontemplati bħala reati ċivili, jistgħu jkunu kawża ta' separazzjoni għar-raġel; se maj, jistgħu jkunu ngurji, il-għaliex mhux biss il-kliem, imma anki l-fatti jistgħu juru disprezz lis-sieħeb l-ieħor fiż-żwieġ. Imma meta l-azzjoni ma tkunx magħmula fid-dar konjugali, iżda band'oħra segretament, jekk ma tkunx manifestament divulgata u ta' notorjetà ġenerali, ma jistax ikollha l-karattru ta' inġurja (ara Vol. VII, paġ. 421, Appell 11 ta' Ġunju 1875, "Azzopardi utrinque"). Aktar u aktar dana jingħad meta r-raġel li hekk jaġixxi jkun ġewwa pajjiż strangier fejn ma jafu ħadd;

*Omissis;*

Illi minn dawna l-fattijiet dina l-Qorti jidhrilha li t-talba attriċi hija ġustifikata, u hemm lok taħt iċ-ċirkustanzi ta' l-applikazzjoni "in toto" ta' l-art. 56 Kodiċi Ċivili, kif dina l-Qorti għandha s-setgħa bl-artikolu 59 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta, u rat il-petizzjoni tagħha, fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu respinti d-domandi ta' l-attur, bl-spejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-attur nomine, li preliminarment ġieb 'il quddiem l-eċċezzjoni li n-nota ta' l-appell u l-petizzjoni huma nulli għaliex ma sarux kontra tiegħu nomine fit-terminu li trid il-liġi, billi hu biss kien il-persuna leġittima li kontra tagħha kellu jsir l-appell; u mingħajr preġudizzju ta' dik l-eċċezzjoni talab li l-appell jiġi respint, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-imsemmija eċċezzjoni tan-nulità opposta mill-appellat nomine;

Illi l-fatti li taw lok għalīha huma dawk hawn taħt miġjuba :—

(a) Fl-20 ta' Mejju 1946 Joseph Giorgio ippreżenta ċitazzjoni kontra l-appellanti; iżda billi huwa siefer waqt li l-kawża kienet qiegħda tiġi trattata quddiem l-Ewwel Qorti, l-atti ġew fl-interess tiegħu assunti minn ħuh Vincenzo Giorgio bħala mandatarju tiegħu nominat b'kuntratt li sar għand in-

Nutar P. Pellegrini Petit fl-ewwel ta' Ġunju 1946 (fol. 67). L-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża fit-8 ta' Novembru 1946, u kontra dik is-sentenza l-konvenuta Caterina Giorgio appellat b'nota tal-15 ta' Novembru 1946, u ippreżentat il-petizzjoni fit-28 ta' l-istess xahar. Tant dik in-nota kemm il-petizzjoni ġew preżentati bl-okkju "Joseph Giorgio vs. Caterina Giorgio";

(b) Billi mir-riferta tal-marixxall irriżulta li l-petizzjoni ma ġietx notifikata lil Joseph Giorgio għaliex kien imsiefer, fl-14 ta' Jannar 1947 l-appellanti ppreżentat rikors quddiem din il-Qorti u talbet li jiġu nominati kuraturi biex jirrappreżentaw lill-imsiefer Joseph Giorgio. B'digriet tal-25 ta' Jannar 1947 dik it-talba ġiet milqugħa, u ġew nominati kuraturi ta' l-uffiċċju;

(c) B'rikors ieħor tad-29 ta' Jannar 1947 l-appellanti talbet li jiġi revokat "contrario imperio" l-imsemmi digriet tal-25 ta' Jannar 1947 u li l-kuraturi bis-saħħa tiegħu nominati jiġu mneħħija barra mill-kawża, kif ukoll li l-petizzjoni tiġi notifikata direttament lil Vincent Giorgio, wara li fl-okkju ta' l-istess petizzjoni wara d-data 17 ta' Mejju 1946 jiżdiedu l-kliem "u b'nota tal-21 ta' Ġunju 1946 Vincent Giorgio assuma l-attijiet tal-kawża billi siefer l-attur waqt id-dewmien tal-kawża". B'digriet tat-30 ta' Jannar ġiet ordnata n-notifika ta' dak ir-rikors lil Vincent Giorgio b'jumejn żmien biex jirrispondi; u l-imsemmi Vincent Giorgio, bir-risposta tiegħu tat-3 ta' Frar 1947, oppona ruħu għall-korrezzjoni bl-imsemmi rikors mitluba. Iżda din it-talba ġiet milqugħa bid-digriet tat-3 ta' Frar 1947, mingħajr preġudizzju ta' l-eċċezzjoni li Vincent Giorgio jkun jista' jagħti 'l quddiem; u l-ispejjeż ġew riżervati;

(d) Bis-saħħa tar-riżerva li saritlu bl-imsemmi digriet tat-3 ta' Frar 1947, Vincent Giorgio fir-risposta tiegħu għall-petizzjoni oppona n-nullità tan-nota ta' l-appell u tal-petizzjoni tal-konvenuta, billi dawk l-atti ma sarux kontra tiegħu bħala l-unika persuna leġittima li kontra tagħha kellu jsir l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi (art. 174 tal-Proċedura Ċivili), kull skrittura, fost affarijiet oħra, għandu jkun fiha l-isem u l-kunjom

tal-parti li tidher u ta' l-oħra li kontra tagħha l-istess skrittura tkun ġiet ippreżentata. Dan ir-rekwiżit huwa magħruf bħala l-okkju ta' l-iskrittura; u huwa konstantement rikonoxxut li l-okkju ta' kawża ma jitbiddelx, u jibqa' dejjem l-istess sattmiem tagħha. Fil-kawża in eżami ma jistax jingħad li l-appellanti kisret dak l-obligu preskritt. Infatti l-kawża ġiet introdotta minn Joseph Giorgio meta kien għadu Malta kontra martu Caterina Giorgio, u għalhekk l-okkju kien, kif kellu jkun, "Joseph Giorgio vs. Caterina Giorgio". Ebda dispożizzjoni talliġi ma tistabbilixxi li għal dak l-okkju għandhom isiru xi aġġunti meta, bħal f'dal-każ, l-atti jiġu assunti minn ħadd ieħor f'lok wieħed mill-litiganti. Għalkemm fil-prattika dan isir, iżda n-nuqqas ma jġibx għan-nulità ta' l-att; tant għaliex innullità hija ħaġa odjuża u għandha tiġi ordnata meta espressament komminata mill-liġi, kemm għaliex id-dispożizzjoni kontenuta fit-tieni paragrafu ta' l-art. 175 ta' l-imsemmi Kodiċi tal-Proċedura Ċivili hija ntiża biex tevita preċiżament dak li l-appellat nomine qiegħed jittanta jagħmel bl-eċċezzjoni tan-nullità minnu opposta. Infatti bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi din il-Qorti tista' tordna jew tippermetti, f'kull każ sassentenza, il-korrezzjoni ta' kwalunkwe żball fin-nota ta' l-appell u fil-petizzjoni jew fir-risposta, kif ukoll kull żball fl-isem tal-Qorti, tal-partijiet, jew tal-kwalità li fiha huma jidhru. U mhux l-ewwel darba li din il-Qorti, bis-saħħa ta' l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, ordnat fil-petizzjoni l-korrezzjoni ta' l-indikazzjoni ta' waħda mill-partijiet (ara sentenza tat-22 ta' Mejju 1931 in re "Dr. Fabri vs. Maria Buhagiar");

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità tan-nota ta' l-appell u tal-petizzjoni, opposta mill-appellat nomine, u tordna li l-ispejjeż ta' l-inċident, kompriżi dawk riżervati bl-imsemmi digriet tat-3 ta' Frar 1947, jibqgħu mingħajr taxxa; id-dritt tar-reġistru a kariku ta' l-appellanti.